MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 203/2004

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk :

Peress illi l-attur u l-konvenuta zzewgu fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena 1990 ;

Peress illi dan iz-zwieg gie skritt fir-registri tar-Registru Pubbliku bhala Att taz-Zwieg Numru 2092 tas-sena 1990 ;

Peress illi l-attur u l-konvenuta kienu taht pressjoni kbira sabiex jizzewgu ;

Peress illi l-attur u l-konvenuta zzewgu b’ rizultat ta’ din l-istess pressjoni ;

Peress illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat ghax kien soggett ghal vjolenza morali jew biza’ ;

Peress illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat ukoll b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom ;

Peress illi l-kunsens inhata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg ;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ ghandiex :
Tiddikjara z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fit-tlieta (3) ta’ Novembru tas-sena 1990 bhala null u bla effett ghal kull fini u effett tal-ligi u taghti kull provvediment opportun sabiex id-Direttur tar-Registru Pubbliku jannota tali nullita’ ta’ l-Att taz-Zwieg numru 2092 tas-sena 1990.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet :

1. Illi mhux minnu li z-zwieg ta’ bejn il-partijiet huwa null u invalidu minhabba tortijiet li semma l-attur fic-citazzjoni tieghu. Il-konvenuta ma tahti ghall-ebda wahda mir-ragunijiet moghtija mill-attur.

2. Illi jekk kien hemm xi forma ta’ ngann dan sar mill-attur ghaliex deher bic-car li ma riedx jghix il-hajja mizzewga, johrog ma’ l-hbieb, u qatt ma kien ikun id-dar.

3. Illi l-attur qatt ma wera l-icken imhabba lejn il-konvenuta u kien vjolenti maghha anke meta kienet tqila.

4. Illi l-attur sfrutta l-eta zghira li kellha l-konvenuta meta beda johrog maghha u cioe l-eta’ ta’ 16-il sena.

5. Illi l-attur kien mohhu f’ nisa ohra tant li spicca jghix ma’ mara ohra li minnha ghandu tarbija.

6. Illi l-konvenuta ghadha sallum tghix ma’ uliedha u m’ ghandha l-ebda hbiberija intima ma’ hadd.

7. Illi dan kollu li qal l-attur fil-konfront tal-konvenuta m’ huwiex minnu kif ikollha cans tispjega l-konvenuta waqt is-smiegh ta’ din il-kawza.

8. Illi jekk hemm xi ragunijiet ghaliex iz-zwieg tal-kontendenti jista’ jkun null, dawn ir-ragunijiet huma kollha attribwibbli lill-attur li qatt ma ried jghix il-hajja mizzewga.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda ;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-3 ta’ Novembru 1990 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali jinsab vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a][d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha taghha l-konvenuta qeda tichad l-allegazzjoni li hija ghandha xi tort f’ dan ir-rigward, imma t-tort huwa mputabbli lill-istess attur.

Illi mill-provi jirrizulta li l-attur izzewweg lill-konvenuta fit-3 ta’ Novembru 1990 meta allura huma kellhom 22 u 21 sena rispettivament, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa 5 snin. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt-it tfal. Wara konvivenza ta’ ghaxar [10] snin il-koppja sseparat de facto, u llum il-gurnata l-attur jikkonvivi ma’ mara ohra li

minnha ghandu t-tfal, filwaqt li l-konvenuta baqget tghix waheda ma' uliedhom.

Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu.

Illi in sostanza l-attur jghid li l-konvenuta kienet issawwtu mentalment, u gieghli refghet idejha fuqu, kif ukoll jilmenta minn indhil esegerat minn nies martu, kemm qabel iz-zwieg kif ukoll wara z-zwieg; filwaqt li l-konvenuta minn naha taghha tallega li l-attur kien issawwatha fisikament, kien juri nuqqas kbir ta' affezzjoni fil-konfront taghha u nuqqas ta' responsabbilita' bhala ragel mizzewweg.

Illi b' mod aktar specifiku, u b' referenza ghad-data jew zmien tal-kuntrattazzjoni taz-zwieg, l-attur jilmenta li meta kien gharus kien ghadu zghir u kellu hafna ndhil mill-familja tal-konvenuta u pressjoni sabiex jizzewweg, liema allegazzjoni giet michuda mill-kontro parti u mix-xhieda taghha. Huwa jghid li 'ma kellix idea ghal dak li kont diehel ghalih'[1] u jkkonkludi l-affidavit tieghu jghid : 'ma kellix triq ohra u ma stajtx ma nizzewwigx lill-konvenuta wara li konna ghamilna sitt snin gharajjes u xtrajna post'[2] liema post gie mixtri minnhom it-tnejn u jinsab hekk registrat. Fid-deposizzjoni tieghu jghid hekk fuq domanda jekk ridt jizzewweg jew le: 'Ha nghid li ridt, ghax hadd ma qabadni minn ghonqi, imma nahseb li kien pass zbaljat.'[3]

Illi l-ewwel kawzali hija bazata fuq id-dipost tal-paragrafu [a] ta' l-artikolu precitat li jkkontempla l-vizzju tal-kunsens matrimonjali li jkun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza. Fil-kaz in disamina ma rrizultax li kien hemm xi tip ta' vjolenza li gieghelet lill-attur jizzewweg lill-konvneuta kontra l-volonta' tieghu. Jigi osservat ulterjorment li l-allegazzjoni ta' l-attur ta' l-indhil esagerat u pressjoni minn naha tal-familja tal-konvenuta tinsab kontradetta minn provi ohra; u l-Qorti tikkunsidera inveritiera l-versjoni ta' l-attur li huwa zzewweg taht xi forma ta' vjolenza jew biza. Il-provi juru mod iehor. Huwa

[1] Fol.18
[2] Ibid
[3] Fol.79

ta l-kunsens matrimonjali tieghu liberament; ghalkemm fi kliemu stess 'kien pass zbaljat'.

Illi rigward il-kawzali bazata fuq it-termini tal-paragrafu [f] ta' l-imsemmi artikolu, il-Qorti tosserva li manifestament ma rrizultax li fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-attur jew il-konvenuta eskludew xi obbligu essenzjali tal-hajja matrimonjali. Di fatti l-partijiet damu zmien twil jghixu din il-hajja li frott taghha hemm zewgt-it tfal.

Illi rigward il-kawzali bazata fuq l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet maghmula fil-kawza "App.*C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* illi: "Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b' mod sostanzjali, ossia "gravi", minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement nuqqas ta' hsieb, jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju – *PA [21.11.1995] A Camilleri vs Carmen Camilleri]*

Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali"

Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta' immaturita' ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-caput nullitatis. Illi ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta' maturita' jew edukazzjoni, izda ta' l-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet

u dmirijiet essenzjali taz-zwieg *[ PA Melanie Borg Cardona vs Joseph Borg deciza 29.10.2003]*
*[vide ukoll App.C. App.C Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta' Jannar 2006,deciza fis-27 ta' Jannar 2006, u l-awturi u kazistika hemm citati]*

L-immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni "non si referiscono ad una piena e terminali maturita', non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di ceio che comporta l-matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo- affettivo, ne' infine una conoscienza perfetta delle motivazzione della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l' uso del termine discrezione di gudizzju, che fa riferimento ad un certo discernimento[4] ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena *[Pompedda – Il Consenso Matrimoniale, u awturi ohrjan citati fil-kawza PA Nicholas Agius vs Rita Agius deciza 25 Mejju 1995, citata fil-kawza App.C Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta' Jannar 2006, [2006]supra].*

Il-fatti specji tal-kaz in disamina, interpretati u valutati fid-dawl tal-prinicpji guridici fuq esposti, ma jwasslux ghall-maturita' ta' dan il-caput nullitatis.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici mhijex gustifikata u ghalhekk ma timmeritax li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez kollha jibqghu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] Sottolinear ta' din il-Qorti